MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-6 ta' April, 2011

Citazzjoni Numru. 60/2010

**Daniel Portelli**

**Vs**

**Joseph Grima**

F'din il-kawza l-attur qieghed jitlob il-hlas ta' danni minhabba incident tat-traffiku li sehh fit-30 ta' Settembru 2009 gewwa Triq tal-Hamrija, Xewkija, Ghawdex. Dakinhar tal-incident l-attur kien qieghed isuq mutur tal-ghamla KTM bin-numru KBG 347 filwaqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura Toyota numru GBG-225.

Il-konvenut wiegeb li m'huwiex responsabbli ghall-incident tat-traffiku. Inoltre ddikjara li l-attur irid jaghti prova li sofra xi griehi ta' natura permanenti.

Fl-14 ta' Ottubru 2011 il-konvenut ipprezenta nota (fol. 37) li permezz taghha ddikjara li qieghed jammetti l-ewwel talba.

Ghalhekk il-kwistjoni li ghadha pendenti tittratta dwar il-likwidazzjoni tad-danni:-

***Damnum Emergens***.

Il-mutur KTM bin-numru KBG 347 gie ezaminat minn Natalino Agius fuq inkarigu ta’ Victoria Insurance Agency Limited, cjoe’ l-assikurazzjoni tal-vettura tal-konvenut. Spjega li l-hsarat kienu jammontaw ghal elfejn sitt mija u tletin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€2,630) ghax-xiri ta’ parts[1] u erbgha mija u hamsa u sittin ewro (€465)[2] ghax-xoghol ta’ tiswija. Mill-atti jirrizulta li l-parts inxtraw ghall-prezz ta’ €2,165 (ara ricevuta Dok. JP4 a fol. 54) filwaqt li l-kont ghax-xoghol hu ta’ €548.70; total ta’ **elfejn sebgha mija u tlettax-il ewro u sebghin centezmu (€2,713.70)**. Ghalkemm l-attur ghadu ma hallasx ghax-xoghol li sar fuq il-mutur, ma jfissirx li m’ghandux dritt jitlob il-hlas minghand il-konvenut. Jason Portelli, hu l-attur, ikkonferma li x-xoghol tlesta u li ghadu ma thallasx (fol. 89). M’hemmx dubju li l-attur ghandu obbligu kuntrattwali li jhallas lil min ghamel it-tiswija tal-mutur, u ghandu kull dritt li jirkupra tali ammont minghand il-konvenut.

L-attur ipprezenta ricevuti ta’ spejjez medici li ghamel fl-ammont komplessiv ta’ **tlett mija u hamsa u tletin ewro (€335)**[3]. Kuntrarjament ghal dak li jsostni l-konvenut, l-attur sofra minn marka f’geddumu, kif kellha l-opportunita li tikkonstata l-qorti waqt wahda mis-seduti. Ghalhekk l-ispiza ta’ €55 ma saritx inutilment. Dwar ir-ricevuta mahruga fil-11 ta’ Gunju 2010 minn Mr Raymond Aquilina f’isem David Portelli, il-qorti hi moralment konvinta li dan hu semplici zball fl-isem. Il-qorti temmen li din hi r-ricevuta ta’ hlas li ghamel lill-attur meta Mr Aquilina ezaminah qabel hareg ir-rapport datat 12 ta’ Gunju 2010 (fol. 10). Hu maghruf li f’kazijiet simili l-persuna danneggata titlob opinjoni ta’ espert mediku dwar id-debilita permanenti li tkun qeghda ssofri minnha. B’dan il-mod tinghata taghrif bil-miktub dwar il-griehi u l-persentagg ta’ debilita, li

---

[1] Ara affidavit a fol. 57.

[2] Mhux inkluz il-VAT (ara stima a fol. 58).

[3] Fol. 46-48.

tintuza kemm fi trattattivi li jsiru barra mill-qorti u wkoll bhala prova ta' debilita' li qieghed isofri l-attur. Il-qorti ma taqbilx mat-tezi tal-konvenut[4] li dawn l-ispejjez saru inutilment.

Ghalkemm fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attur qieghed jippretendi hlas iehor ta' €650 ghal *"....xiri ta' ngwenti, medici bhal anti-biotics biex ifejjaq l-infezzjoni f'siequ tax-xellug, pain killers, u kalzetti tal-lastiku biex izomm soda u ferma l-pala ta' saqajh fejn garrab il-hsara, u spejjez f'fizjoterapija."* (fol. 99), ma tressqet l-ebda prova dokumentarja ta' dan. L-ewwel darba li l-attur semma li qieghed jippretendi xi hlas f'dan ir-rigward kien fin-nota ta' sottomissjonijiet[5]. Il-kawzi jigu decizi fuq il-provi li kull parti tressaq. Kull parti ghandha l-obbligu tal-prova ta' fatt li tkun qeghda tallega (Artikolu 562 tal-Kap. 12). Madankollu l-attur xehed li kien mar ghal xi sessjonijiet ta' fizjoterapija b'mod privat u li kien qieghed jilbes kalzetta fuq saqajh ix-xellugija[6]. Dan ifisser li spejjez ghamel. Ghalhekk il-qorti qeghda *arbitrio boni viri* tillikwida s-somma ta' **tlett mitt ewro (€300)**.

Total:- **erbat elef mija u tmeinja u erbghin ewro u sebghin centezmu (€4,148.70)**[7].

***<u>Lucrum Cessans</u>***.

Originarjament l-attur kien qieghed jippretendi s-somma ta' €104,687 (fol. 8), filwaqt li fin-nota ta' sottomissjonijiet naqqas is-somma ghal €47,434.45. L-incident sehh fit-30 ta' Settembru 2009. L-attur twieled fit-2 ta' Settembru 1986, ghalhekk fid-data tal-incident kien wasal biex jaghlaq 23 sena.

L-attur xehed li kellu salarju ta' **disat elef mitejn u disa' u tletin ewro u sitta u tletin centezmu (€9,239.36)** minn

---

[4] Ara nota ta' sottomissjonijiet prezentata fl-4 ta' April 2011.

[5] L-attur ipprezenta prospett tad-danni (fol. 8) wara digriet tas-7 ta' Lulju 2010 u ddikjara li d-*damnum emergens* huma fis-somma ta' €2,630.48.

[6] Kif konfermat ukoll mill-perit mediku Charles Grixti.

[7] F'dan it-total hemm inkluz is-somma ta' €800 li tirreferi ghall-marka li ghandu l-attur f'geddumu u li giet ikkagunata b'rizultat tal-griehi li sofra fl-incident tat-traffiku.

impjieg li kellu ma' Gozo Glass Ltd, pero dwar dan ma ressaq l-ebda prova dokumentarja. Min-naha l-ohra meta xehed quddiem il-qorti qal li fiz-zmien tal-incident kien qieghed imexxi bar fi Pjazza San Frangisk, Victoria tal-familja u kellu dhul ta' xi mitejn ewro (€200) netti fil-gimgha.

L-attur qal ukoll li kien jahdem part-time fil-garaxx ta' huh JD Cycles u li minn dan ix-xoghol kellu dhul ta' **tlett elef u hames mitt ewro (€3,500)** fis-sena. Pero' meta xehed fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2011 qal li minn dan ix-xoghol, *".... ma kontx naghmel hafna flus. Forsi kont naghmel xi elf lira (Lm1,000) fis-sena."* (fol. 90). Ma tressqet l-ebda prova dokumentarja tal-qliegh li l-attur kien jaghmel minn dan ix-xoghol. Fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2010 xehed li ghadu jahdem part-time fil-garaxx JD Cycles, filwaqt li fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2011 xehed: *"Wara li weggajt ma stajtx inkompli mmur nahdem part-time ma' hija."*.

Il-qorti tistqarr li l-attur ma kienx konsistenti f'dak li qal. Madankollu hi tal-fehma li waqt is-smiegh tal-provi ma giex kontradett li fi zmien l-incident kien qieghed jahdem full-time u kellu wkoll xoghol part time. Il-kwistjoni tibqa' dwar il-qliegh li kellu. Li persuna li tahdem full-time ikollha dhul ta' €177 fil-gimgha, hu kredibbli. Il-qorti ma taqbilx mat-tezi tal-konvenut li ghandha taghmel il-kalkoli fuq il-paga minima nazzjonali, gialadarba fl-ebda stadju tal-kawza ma esprima xi kontestazzjoni li l-attur kien qieghed jaqla' kemm iddikjara fil-kors tas-smiegh tal-provi. Ghal dak li hu dhul mill-part time il-qorti qeghda *arbitrio boni* viri tiffissa s-somma ta' elf u hames mitt ewro (€1,200) fis-sena. F'dan ir-rigward il-qorti qeghda tkun konservattiva gialadarba l-attur ma ressaq l-ebda prova dokumentarja dwar il-qliegh mix-xoghol part-time u hu stess qal li *"...minn hemm jien ma kontx naghmel hafna flus."* (fol. 90).

Il-perit mediku Mr Charles Grixti[8] kkonkluda li l-attur ghandu debilita permanenti ta' tmienja fil-mija (8%)[9]. Fir-

---

[8] Inkarigat mill-qorti b'digriet tal-1 ta' Settembru 2010 (fol. 22).
[9] Fol. 71.

rapport ta' Mr Grixti jsemmi l-marka li l-attur sofra f'geddumu, kemm fil-parti **ezami kliniku** (fol. 69) u **l-konkluzjoni** (fol. 70). Il-qorti tifhem li meta l-perit mediku rrelata li l-attur ghandu debilita permanenti ta' 8%, ha in konsiderazzjoni wkoll il-marka li ghandu f'geddumu. Kieku ma kienx hekk ma jaghmilx sens li fil-konkluzjoni l-perit mediku jsemmi li fl-incident l-attur *"sofra wkoll ticrita f'geddumu."*. Il-qorti tkompli ssahhah din il-fehma mill-fatt li l-perit mediku ta wkoll id-daqs tal-marka (ara fol. 69). Din il-marka m'hijiex ser ittellef xi qliegh lill-attur u l-qorti hi konvinta li l-perit mediku ma tax daqstant importanza ghaliha. Madankollu ma jfissirx li l-attur m'ghandux dritt jippretendi xi hlas ghal din il-hsara, meta tqies li f'kaz ta' vettura anke barxa taghti l-jedd li titlob hlas sabiex tissewwa. F'kazijiet simili s-somma li tillikwida l-qorti ghandha pjuttost tirrifletti l-ispejjez sabiex id-danneggjat, jekk irid, jaghmel intervent kirurgu biex inehhi l-marka. Dan ovvjament meta dawn it-tip ta' griehi ma jkollhom l-ebda impatt fuq il-qliegh tal-attur. Mill-atti jirrizulta li l-ispiza sabiex titnehha l-marka jew ghallinqas titnaqqas (*scar revision*) hi ta' **sebgha mija u sittin ewro (€760)**[10]. Ghaldaqstant wara li l-qorti rat ir-rapport mediku ta' Mr Raymond Aquilina[11] u tal-perit mediku Mr Charles Grixti, tiddikjara li d-debilita permanenti ghall-griehi li sofra f'saqajh l-attur hi ta' 8%. Fir-rigward tal-marka li sofra f'geddumu ser tikkundanna lill-konvenut ihallas **tmien mitt ewro (€800)** bhala *damnum emergens*.

€9,204 + €1,200 = €10,404 ammont li l-qorti qegha arbitrio *boni viri* zzid bi €3,500 biex tiehu qies ta' zieda fid-dhul matul is-snin[12].

€13,904 x 36 sena x 8% – 20% = **€32,034.81**.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut:-**

---

[10] Fol. 46.

[11] Iddikjara li d-debilita permanenti li ghandu l-attur hi ta' 12%.

[12] L-argument tal-attur li l-awment ghandu jkun ta' 120% ma jikkonvincix lill-qorti, specjalment meta mill-kalkoli hu evidenti li din ir-rata qeghda tigi applikata fir-rigward tas-snin kollha tal-multiplier. Ghal dak li jikkoncerna x-xoghol part-time, dwar dan m'hemmx certezza.

**1. Tiddikjara li l-incident tat-traffiku li sehh fit-30 ta' Settembru 2009 fi Triq tal-Hamrija, Xewkija u meritu ta' din il-kawza, sehh tort tal-konvenut u ghalhekk hu respnosabbli ghad-danni li sofra l-attur.**

**2. Tillikwida d-danni fis-somma ta' sitta u tletin elf mija u tlieta u tmenin ewro u tnejn u hamsin centezmu (€36,183.52)**

**3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' sitta u tletin elf mija u tlieta u tmenin ewro u tnejn u hamsin centezmu (€36,183.52)**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------